MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2013

Numru. 250/2010

**Il-Pulizija**

**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Janice Bugeja ta' 24 sena bint il-mejjet John u Deborah nee' Camilleri, imwielda Pieta' fid-29/02/1998, residenti numru 51, Flat 4, Triq Rodolfu, Sliema jew BlkI, Bieb B, Flat 4, Triq Francesco Balbi, San Giljan u detentrici tal-karta ta'l-identita' bin-numru 125288(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata Janice Bugeja li giet akkuzata talli fid-19 ta' Lulju 2009 u matul it-tnax-il xahar ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer:

a) forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura id-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall uzu ta persuna/i minghajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li tforni id-droga u minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-ordinanza imsemmija u minghajr ma kellha licenzja jew xorta ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli ta’ l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta;

b) kellha fil-pussess taghha id-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kenitx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta l-Ordinanza u meta ma kenitx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kenitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

c) kellha fil-pussess taghha id-droga erojina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kenitx fil-pussess ta'

awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta l-Ordinanza u meta ma kenitx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kenitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta,

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet il-provi.

Rat l-ordni moghtija mill-Avukat Generali ai termini tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta tat-18 ta’ Gunju 2010 sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz quddiem dina l-Qorti bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali.

Ikkunsidrat,

Illi qabel xejn ghandu jigi rilevat illi dina il-kawza mxiet kontestwalment ma’ kawza ohra fl-ismijiet Il-Pulizija vs Abigail Bugeja li tigi oht l-imputata billi f’dana il-kaz kienu implikati z-zewg ahwa kif ser jigi spjegat. Kwindi bi qbil bejn il-partijiet kollha fiz-zewg kawzi, ix-xhieda li instemghu fil-kawza indikata huma ukoll validi u jiswew ghal dina l-kawza u ghalhekk il-Qorti fis-sentenza taghha ser taghmel ukoll referenza ghax-xhieda li inghatat fil-kawza Il-Pulizija vs Abigail Bugeja.[1]

Illi fuq il-fattispecje ta’ dana il-kaz ma hemmx wisq kontestazzjoni. Jirrizulta illi fiz-zmien indikat fl-akkuza oht l-imputata, Abigail Bugeja, kellha relazzjoni ma’ Marokkin certu Tarek Mahmoud Abou Mehdi li kien detenut gewwa l-compound tal-SAG f’ Ta’ Kandja. Jidher illi dan Tarek

[1] Ara verbal tas-seduta tal-11 ta’ Gunju 2012

kien talab lil Abigail sabiex tgahddielu hwejjgu billi kien wasal sabiex jigi deportat wara li kien skonta sentenza ta' prigunerija. Kien talabha ukoll sabiex tghaddielu xi hwejjeg li kien talab lill-imputata sabiex ighaddiehom lil siehbu Marokkin li kien ukoll detenut mieghu u li kien ser jigi deportata billi dan ta'l-ahhar ma kellux hwejjeg x'jilbes. Fil-fatt Janice Bugeja kienet qalet lil ohtha sabiex qabel ma tmur ghal vizta hija tghaddi fir-residenza taghha tas-Sliema sabiex tigbor dana il-basket tal-hwejjeg u Abigail hekk ghamlet.

Meta Abigail Bugeja wasslet gewwa Ta' Kandja, saret tfittxija fiz-zewg basktijiet li kienet hadet maghha. Fil-basket li kienet hadet ghal Tarek ma instab xejn illegali, izda fil-basket tal-plastik bil-marka tal-LIDL li hija kienet gabbret minn ghand ohtha l-imputata, instabet sustanza illegali gewwa il-but ta' qmis li kien hemm ma' dawn il-hwejjeg. Ghal dina l-vizta Abigail kienet giet akkompanjata minn ommha peress illi hija ma kenitx issuq.

Wara dina is-sejba, Abigail Bugeja giet arrestata flimkien ma' ommha u saret tfittxija kemm fil-vettura ta' ommha kif ukoll fir-residenza taghhom, izda dawn kienu fin-negattiv.

Illi Abigail Bugeja ghamlet kuntatt telefoniku ma'l-imputata fejn infurmatha illi hija kienet arrestata minhabba fis-sejba li saret fil-basket tal-hwejjeg li ghaddietilha u li l-Ispettur Fenech xtaq ikellimha. L-imputata ghalhekk marret fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn hemmhekk hija ukoll giet interrogata.

Illi dawn il-fatti gew ikkonfermati mil-PC55 Spiridione Camilleri li ghamel it-tfittxija bil-basket u sab is-sustanza, mill-Ispettur Saviour Baldacchino li fiz-zmien dana il-kaz kien jokkupa il-kariga ta' surgent tal-pulizija addett mad-Drug Squad, li ha ir-rapport u kompla bl-investigazzjonijiet, kif ukoll mill-Ufficjal Prosekutur stess.[2]

[2] Ara ix-xheida taghhom a fols. 13 u 17 u fil-kawza Il-Pulizija vs Abigail Bugeja a fols.7, 19, 23, 25, 27 u 41.

Illi fl-istqarrija rilaxxjata minnha lill-pulizija l-imputata tispjega illi hija ma kenitx taf x'kien fih il-basket in kwistjoni. Tghid illi Tarek kien cemplilha f'xi okkazzjonijiet sabiex jistaqsieha fuq ohtha Abigail u it-tarbija li kellhom in komun bejniethom u f'xi okkazzjoni minnhom Tarek kien talabha jekk kellhiex xi hwejjeg ta'l-irgiel ghal xi habib tieghu li ma kellux x'jilbes. L-imputata stqarret illi hija ma kellhiex flus biex tixtrielu xi hwejjeg izda f'jum partikolari kienet innotat basket bil-hwejjeg mormija vicin dustbin u ghalhekk gabbritu u iddecidiet illi tghaddieh lil ohtha biex tiehdu ghal dan il-habib ta' Tarek. Issostni illi hija ma kenitx taf x'kien fih dan il-basket kif lanqas ghalhekk ma kienet taf  x'fih ohtha Abigail. Meta mitluba tghaddi il-mobile phone taghha lill-pulizija ghall-investigazzjonijiet, hija tistqarr illi kienet irmiet is-SIM card billi qabel ma wasslet l-ghassa kien hemm habiba taghha li talbitha tuza il-mobile phone taghha, izda billi hi ma kellhiex bizzejjed credit ghaddiet is-SIM card taghha lil dina l-habiba li imbaghad dahhltiha fil-mobile phone taghha. Tghid illi billi kienet mghaggla hija qalet lil dina l-habiba sabiex is-SIM card izommha jew tarmieha ghaliex ma kellhiex il-hin toqghod tistennieha tuzaha u tghaddihielha lura.

Illi fl-istqarrija taghha l-imputata tammetti illi hija kienet ghamlet xi zmien qasir tabbuza mid-droga kokajina u erojina, izda irrealizzat fil-hin li ma setatx tkompli taghmel dan u waqqfet tabbuza minn dawn is-sustanzi.[3]

Illi meta imbaghad l-imputata tixhed f'dawn il-proceduri, hija taghti verzjoni kemmxejn differenti dwar l-origini ta' dana il-basket. Dana ghaliex hija tikkontendi illi fiz-zmien in kwistjoni, kif *del resto* sal-lum il-gurnata stess, hija kellha relazzjoni ma' certu Estevan Gatt. Fil-fatt kuntrarjament ghal dak li tghid fl-istqarrija, fiz-zmien in kwistjoni hija kienet tirrisjedi mieghu gewwa appartament f'Tas-Sliema. Tghid illi hija gidbet fl-istqarrija ghaliex riedet tiskolpa lil dan Gatt u ma iddahhlux fl-inkwiet mal-pulizija. Jidher illi dan Estevan Gatt kellu il-vizzju tad-droga u kien jabbuza ukoll mill-kokajina u erojina. Tixhed u tghid illi huwa minnu illi Tarek kien talabha tghaddielu xi hwejjeg

[3] Ara stqarrija ta'l-imputata Dokument PG a fol.10 et. seq.

ghal dana siehbu. Izda imbaghad tkompli tghid illi mhux minnu illi l-hwejjeg li baghtitlu kienet sabithom mormija barra, izda tghid illi hija kienet tatu xi hwejjeg ta’ Estevan Gatt illi huwa ma kienx ghadu qed jilbes u li xortawahda kienu ser jintremew. Tghid ghalhekk illi hija ma kellhiex ideja x’kien hemm fil-but tal-qmis fejn instabet id-droga. Dawn il-hwejjeg imbaghad ghamlithom gol-basket tal-plastik tal-LIDL u ghaddiethom lil ohtha sabiex tehodhom lil Tarek. Tistqarr ukoll illi l-istorja dwar it-telefon cellulari u is-Sim card kienet ukoll ivvintata billi hija kienet qed tuza it-telefon cellulari ta’ dana Gatt u ma reditx iggibu fl-inkwiet mal-pulizija. Fil-fatt meta il-pulizija ghamlu tfittxija fir-residenza ta’ Estevan Gatt kienet instabet xi kokajina u erojina u fil-fatt kienu ittiehdu passi kriminali fil-konfront tieghu in konnessjoni ma’ dina s-sejba.

Illi d-difiza tessaq bhala xhud lil dana Estevan Gatt li jammetti illi d-droga misjuba fil-qmis kienet tieghu, li huwa kien ghamilha fil-but ta’ din il-qmis u nesieha. Ighid illi din kienet ilha zmien twil hemmhekk u kienet tidher li kienet antika. Ighid illi meta Janice gabbret dina il-qmis mal-hwejjeg l-ohra sabiex taghtihom lil dana il-habib ta’ Tarek huwa kien nesa li kellu id-droga fil-but taghha. Fuq mistoqsija tal-Qorti, Gatt ighid illi din il-qmis ma kienx ghadu jilbisha u li fil-fatt kien ilu zmien twil ma jilibisha u kien ghalhekk illi iddecieda jaghtiha karita’.[4]

Illi ma saret l-ebda analizi sabiex jigi stabbilit in natura tas-sustanza esebita in atti billi d-difiza ma ikkontestatx il-fatt illi s-sustanza misjuba kienet fil-fatt droga kokajina.[5] Illi in kontro-ezami, l-Ufficjal Prosekutur fuq domanda tad-difiza jekk id-droga kenitx tidher illi hija antika ighid testwalment: “Jiena nghid li iva ghax il-kulur taghha kien lewn isfar u kienet iebsa.”[6]

Illi inoltre in kontro-ezami, huwa ighid illi kien investiga ukoll kemm lil Tarek Mahmoud Mehdi kif ukoll lil dana il-

---

[4] Ara xhieda ta’ Estevan Gatt a fol.68.

[5] Is-sustanza giet esebieta bhala Dokument JF2 fl-atti tal-kawza Il-Pulizija vs Abigail Bugeja u fil-verbal tas-seduta tas-7/11/2011 f’dik il-kawza, id-difiza kienet ezentat lill-Prosekuzzjoni milli issir l-analizi tas-sustanza billi kien hemm qbil li dina kienet kokajina.

[6] Ara xhieda fil-kawza Il-Pulizija vs Abigail Bugeja a fol.45

persuna l-ohra ta' nazzjonalita Marokkina li kien habib ta' Tarek in konnessjoni mas-sejba izda dawn it-tnejn qalulu li ma kienu jaf xejn dwar dina d-droga u li kien minnu izda illi Tarek kien talab lill-imputata tipprovdielu xi hwejjeg ghal siehbu.

Ikkunsidrat,

Il-ligi taghna tahti definizzjoni mill-iktar wiesgha ta' dak li jammonta ghal "traffikar". Kif stqarret il-Qorti ta'l-Appell Kriminali fis-sentenza Ir-Repubblika ta' Malta vs Simon Xuereb[7]:

**"*It-traffikar ghandu definizzjoni wiesgha u din tinkludi mhux tfisser kwalsiasi moviment ta' droga minn id ghal id kemm versu korrispettiv kif ukoll b'mod gratwitu. U ma hemmx ghalfejn elementi ohra bhal per ezempju prova li d-droga tkun efettivament ghaddiet minn id ghal id jew li giet importata, ghax anki semplici offerta hija bizzejjed*."**

Il-Prosekuzzjoni ghalhekk jenhtieglha tipprova l-*animus* ta'l-imputata u cioe' l-intenzjoni taghha ta'l-ispacc minghajr ma effettivament tipprova li sehh dak l-ispacc. Dana jista' jirrizulta kemm minn dak mistqarr mill-imputata meta interrogata kif ukoll minn xhieda indipendenti u minn provi ohra cirkostanzjali li jistghu iwasslu ghal prova ta' dina l-intenzjoni.

Issa mill-provi akkwizti f'dina l-kawza jidher illi l-prosekuzzjoni qed isejjes l-akkuza taghha tat-traffikar fuq il-fatt illi instabet id-droga f'basket kontenenti xi hwejjeg u precisament f'but ta' qmis li l-imputata ghaddiet lil ohtha Abigail Bugeja biex hija idahhalhom fil-compound tal-SAG ghal certu Tarek li f'dak iz-zmien kien detenut hemm gew jistenna sabiex jigi deportat. Illi ghalkemm huwa minnu illi dana bhala fatt sehh, madanakollu ma hemmx prova fl-atti lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi l-imputata kienet taf b'dina id-droga u li kellha l-intenzjoni tispaccaha. Dana qed jinghad ghaliex l-imputata taghti

[7] Qorti ta'l-Appell Kriminali 23/01/2001

verzjoni li, fuq il-bazi tal-probabbli, taghmel sens u li mhijiex kontradetta minn xi prova imressqa mill-prosekuzzjoni. L-imputata issostni illi hija ghaddiet xi hwejjeg lil dana Tarek, ghal siehbu li ma kellux hwejjeg minghajr ma kienet taf illi f'but ta' qmis minn dawn il-hwejjeg kien hemm xi sustanza illecita. Dina l-verzjoni hija issostanzjata minn dak li ighid is-sieheb taghha Estevan Gatt li bil-gurament tieghu jikkonferma illi d-droga li instabet kienet tieghu u li la l-imputata u lanqas ohtha ma kienet taf dwar l-esistenza taghha.

Illi id-droga innifisha esebieta in atti tidher illi hija antika u ghalhekk dak li ighid Gatt jaghmel sens. Li kieku id-droga kienet tidher friska u qiesha ghada kemm inxtrat, allura l-Qorti kienet tara dina l-verzjoni ta'l-imputata u dak li ighid Gatt minn lenti differenti. Izda dana il-fatt huwa ukoll ikkonfermat mill-Ufficjal Prosekutur innifsu. Inoltre jidher illi dana il-habib ta' Tarek li kellu bzonn il-hwejjeg fil-fatt kien jezisti, u ma kienx xi invenzjoni ta'l-imputata, billi sahansitra gie interrogat mill-Ufficjal Prosekutur fil-kors ta'l-investigazzjonijiet tieghu, ghalkemm dina il-persuna qatt ma giet identifikata fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza.

Illi ghaldaqstant il-mens rea u cioe' l-intenzjoni ta'l-ispacc ma tirrizultax ippruvata mill-provi li hemm fl-atti u kwindi l-imputata ser tigi illiberata mill-ewwel akkuza.

Madanakollu fir-rigward tat-tieni u it-tielet akkuzi dwar il-pussess semplici tad-droga kokajina u erojina, l-imputata stess tammetti dana fix-xhieda taghha quddiem il-Qorti u kwindi ser tinstab htija ghal dawn iz-zewg akkuzi.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat Taqsima 4 u 6, artikolu 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputata mill-ewwel akkuza migjuba fil-konfront taghha, issibha hatja ta-tieni u it-tielet akkuzi u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma tikkomettiex reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkometti reat iehor matul il-perijodu ta' liberta kundizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------